**QORTI TAL-MAĠISTRATI MALTA**
**Bħala Qorti ta`Ġudikatura Kriminali**
**Maġistrat**
Dr. VICTOR GEORGE AXIAK

**Seduta tat- Traffiku**
**Referenza tal-Każ: TRF-00036-2019-1**
**Il-Pulizija**
**(Spettur SARAH MAGRI)**
**Vs**
**Khalid Tonna (K.I. Nru. 230301L)**

Illum, 14 ta' Jannar 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi hawn taħt indikati.

*"Talli nhar l-4/1/2019 ghal habta ta`14:30hrs bil-vettura Mercedes Benz (FBX132) fi TRIQ KORDIN, PAOLA*

*"(1) Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3 (1))*

*(2) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenza tas-sewqan (Kap 65 Artiklu 15(1)(a),(3))*

*(3) Ksirt kundizzjoni ta' sentenza moghtija lilek mill-Qorti, liema sentenza hija dik ta' 12/11/2018 mill-MAGT. DR. D. FRENDO. DIMECH LL.D. (Kap. 9 Artiklu 28A)*

*(4) Ksirt l-Artikolu 7 tal-Kap 446 b`sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati MALTA, datata 16/10/2018 U 26/7/2017 MAGT.DR.F.DEPASQUALE LL.D U MAGT.D.CLARKE LL.D (Kap 446 Artiklu 7)*

*(5) Bhala persuna inti sirt recediv b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26/7/2017, 16/10/2018 U 12/11/2018 mill- MAGT.D.CLARKE LL.D, MAGT.DR.F.DEPASQUALE LL.D U DR.D.FRENDO DIMECH LL.D liema sentenza saret definita u ma tistax tigi mibdula. (Kap 9 Artiklu 49, 50)*

*Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq"*

Semghet ix-xhiedha u fliet id-dokumenti kollha esebiti.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Rat in-nota ta' riferenza li pprezenta d-difensur tal-imputat fil-11 ta' Novembru 2019.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-affidavits ta' PC250 Caruana Gould u PS674 N.Mallia, zewg ufficjali tal-Pulizija tar-*Rapid Intervention Unit* li kienu ghaddejin minn Triq Kordin, Paola, irrizulta ampjament *inter alia* illi

- Ix-xufier tal-vettura Mercedes Benz (bin-numru ta' registrazzjoni FBX132), cioe' l-imputat Khalid Tonna (imwieled 12 ta' Gunju 2001), kien minuri ossia persuna li ma' kelliex u ma' setax ikollha licenzja tas-sewqan;
- Is-sid tal-vettura, cioe' Jean Paul Birmingham (K.I. Nru. 304389M), kien passiggier riekeb fl-istess vettura u *ex-admissis* kien jaf li Tonna ma' kellux licenzja tas-sewqan.

Illi waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019 xehdet bil-gurament Dr. Lara Agius in rapprezentanza ta' *Mapfre Middlesea Insurance* li pprezentat ukoll vera kopja tal-polza tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-vettura in kwistjoni mahruga fuq il-*policyholder* Jean Paul Birmingham.[1]

*L-ewwel akkuza*

Illi l-ewwel akkuza li qed tigi addebitata lill-imputat temanixxi mill-artiklu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi kif gej:

*"3. (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza."*

Illi fil-fehma tal-Qorti l-elementi necessarji ghall-vjolazzjoni ta' dan l-artiklu huma s-segwenti:

1. **<u>L-imputat:</u> Fil-kaz ta' "uzu" l-imputat jista' jkun kwalunkwe persuna li tista' tinstab kriminalment responsabbli taht il-ligi. Fil-kaz ta' "gieghelt jew hallejt", l-imputat jrid ikun sid il-vettura, xi hadd li ghandu pussess taghha jew inkella xi hadd li lilu giet fdata l-vettura. Ghalkemm l-Artikolu 3(1) ma' jispecifika xejn f'dan ir-rigward, il-persuna li ggieghel jew thalli lil persuna ohra tuza vettura minghajr kopertura lil terzi trid tkun necessarjament jew sid il-vettura jew**

[1] Fol 22

**persuna li ghandha pussess taghha inkella persuna illi mill-provi jirrizulta illi lilha giet fdatha, mqar b'mod temporanju, l-vettura in kwistjoni.**

F'dan il-kaz, mill-affidavits diga msemmija ta' PC250 Caruana Gould u PS674 N.Mallia, zewg ufficjali tal-Pulizija tar-Rapid Intervention Unit li kienu ghaddejin minn Triq Kordin, Paola, irrizulta ampjament illi l-vettura in kwistjoni kienet qed tinstaq mill-imputat Tonna. Dan l-ewwel element huwa ghaldaqstant sodisfatt.

2. **<u>Il-vettura bil-mutur:</u> Haga minn ewl id-dinja illi trid tintuza "*vettura bil-mutur*" sabiex dan ir-reat jissussisti.**

   F'dan il-kaz, il-vettura bil-mutur li intuzat kienet il-vettura Mercedes Benz bin-numru ta' registrazzjoni FBX132. Dan l-element huwa ghalhekk sodisfatt.

3. **<u>Il-lok:</u> Il-vettura bil-mutur trid tintuza fit-toroq. Li jfisser dan illi l-vettura trid tkun qed tigi effettivament misjuqa fit-triq.**

   F'dan il-kaz, dan l-element huwa ukoll sodisfatt galadarba jirrizulta mill-provi illi l-vettura in kwistjoni kienet qed tinstaq gewwa Triq Kordin, Paola.

4. **<u>L-uzu tal-vettura (mill-persuna li tuza jew li giet permessa jew mgieghla tuza) ma' jkunx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni</u>**: F'dan il-kaz, dan l-element ma' giex sodisfatt peress illi mill-provi (a fol 22) johrog illi tali polza ta' assigurazzjoni kienet filfatt ezistenti.

Ikkunsidrat dwar dan l-ahhar element illi l-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, giet promulgata permezz tal-Ordinanza XXXVI tal-1939 (permezz ta' proklama li giet sussegwentement revokata l-Ordinanza baqghet ma' dahlietx fis-sehh qabel l-1947) bhala, dak iz-zmien, il-Kap 165 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artiklu 3(1) in kwistjoni mill-bidu nett kien jaqra ezattament kif jaqra llum il-gurnata u m'huwiex il-kaz, kif gieli gie argumentat quddiem il-Qrati taghna, illi wara li Malta daħlet fl-Unjoni Ewropeja kellu jinbidel dan l-artiklu tal-ligi biex jigi ccarat illi hija l-vettura li ghandha tkun koperta u mhux necessarjament il-persuna li tuzaha.

Illi polza tal-assigurazzjoni ta' vettura hija tipikament (ghalkemm mhux esklussivament) mahruga jew "*Fully Comprehensive*" jew "*Third Party, Fire & Theft*" jew inkella "*Third Party Only*".

Illi t-tlett tipi ta' polza ghandhom lkoll xi haga in komuni: dik li t-terza persuna, tkun min tkun, hija koperta mill-assigurazzjoni u f'kaz illi dik it-terza persuna ssofri danni, kemm ghall-proprjeta' taghha u kemm ghall-persuna taghha, din tkun tista' taghmel *claim* u titlob kumpens ghar-risarciment tad-danni. Bil-ligi (ossia taht l-Art. 4 tal-Kap. 104), kull polza ta' assigurazzjoni ta' vettura trid tkun minimament tkopri t-terzi persuni. Fi kliem iehor, **<u>m'huwiex possibbli illi kumpanija ta' assigurazzjoni tohrog polza ta' assigurazzjoni ta' vettura minghajr ma' tkopri t-terz</u>**.

Illi naturalment min jaffordja u jiflah ihallas ftit izjed, jista' jkopri r-riskji tieghu ukoll u/jew ta' min ikun qieghed isuq. Hawn min jkopri r-riskji tieghu u/jew tas-sewwieq f'kaz illi jsofri danni li jirrizultaw minn nar jew serq ("*Third Party, Fire & Theft")* u hawn min jaghzel dik il-polza li tissejjah *"Fully Comprehensive*" u b'hekk ikopri hafna mid-danni li jista' jsofri hu jew is-sewwieq kemm fil-persuna tieghu u kemm fil-vettura tieghu.

Illi kwalunkwe polza ta' assigurazzjoni tas-sewqan tigi mahruga lill-*policyholder*, f'dan il-kaz lis-sid tal-vettura Jean Paul Birmngham (ara fol 22 tal-process), u tispecifika ukoll dawk il-persuni li jkunu awtorizzati li jsuqu l-vettura. F'dan il-kaz il-polza in kwistjoni tispecifika illi awtorizzati jsuqu l-vettura huma: il-*policyholder* (Jean Paul Birmingham) u kwalunkwe persuna illi ghandha 25 sena jew izjed illi ssuq il-vettura fuq l-ordni jew bil-permess tal-*policyholder*. F'dan il-kaz il-persuna li kienet qed issuq il-vettura, Khalid Tonna, kienet ghadha m'ghalqietx it-tmintax-il sena.

F'kaz bhal dan, li kieku sehh xi incident bil-vettura in kwistjoni waqt li l-imputat kien qieghed isuq, allura l-*policyholder* kien ikollu problema biex jitlob lill-kumpanija tal-assigurazzjoni tieghu sabiex thallsu tad-danni li jkun sofra (hu jew xi beneficcjarju iehor tal-polza) ghaliex din aktarx tkun intitolata tirrifjutaha peress illi l-vettura kienet tkun qed tigi misjuqa minn persuna eskluza mill-polza. Naturalment kollox jiddependi mill-*fattispecie* tal-kaz u wiehed ikun irid jinvestiga ukoll fost affarijiet ohra jekk wara kollox il-*policyholder* kienx jaf illi s-sewwieq mhux awtorizzat kien qieghed isuq il-vettura. F'dan il-kaz, *ex-admissis* il-*policyholder* filfatt kien jaf b'dan tant illi huwa instab hati minn din il-Qorti fi proceduri separati bir-reat li ppermetta li tinstaq vettura minn persuna minghajr licenzja tas-sewqan. Fi kwalunkwe kaz pero din hija kwistjoni ta' natura civili u m'hijiex ta' rilevanza ghall-kamp kriminali. Li huwa rilevanti, anzi krucjali ghall-fini tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u kwindi ghal din il-kawza, huwa illi ghall-uzu ta' dik il-vettura tkun tezisti polza ta' assigurazzjoni li tkun *in vigore*. Jekk tali polza tkun tezisti, allura t-terz **dejjem** ikun protett (hlief f'certu kazijiet specifici elenkati fil-ligi) ghaliex jigri x'jigri, tkun qed tinstaq minn min tkun qed tinstaq, il-kumpanija tal-assigurazzjoni tkun obbligata taghmel tajjeb ghad-danni li t-terz jsofri b'kawza tal-uzu tal-vettura. Ghalhekk li kieku f'dan il-kaz sehh xi incident bil-vettura in kwistjoni waqt li l-imputat kien qieghed isuq u kkawza danni lil terz, il-kumpanija tal-assigurazzjoni xorta wahda kienet tkun obbligata tikkumpensa lil dan it-terzi ghad-danni subiti. Dan ir-risarciment mhux necessarjament li jsehh awtomatikament imma eventwalment isir. Filfatt it-terza persuna tista' anke tiftah kawza civili fil-Qorti jew fic-Centru Malti tal-Arbitragg, skond il-valur tal-kaz, kontra l-persuna assigurata bil-polza u f'kaz ta' sentenza favur it-terz, l-assiguratur huwa obbligat taht l-Art. 10(1) tal-Kap. 104 illi jhallas lill-istess terz **anke jekk l-assiguratur ikun intitolat jannulla jew ihassar il-polza.** Naturalment imbaghad l-istess assiguratur ikollu d-dritt li jitlob risarciment tad-danni minghand l-assigurat – materja li hija ukoll ta' natura civili.

Illi dan kollu jfisser illi fir-rigward tal-kopertura tat-terz ma' taghmilx differenza jekk min kien qieghed juza l-vettura u kkawza d-danni kellux licenzja tas-sewqan jew le, ghandux inqas minn 25 sena jew le, jew jekk huwiex b'xi mod eskluz mill-kopertura tal-polza jew le. It-terz dejjem protett jekk fis-sehh ikun hemm polza ta' assigurazzjoni tal-vettura.

Illi t-terz ma' jkunx protett biss jekk fid-data tal-incident **ma' jkunx hemm fis-sehh** polza ta' assigurazzjoni ghal dik il-vettura **u huwa dan il-kaz illi ried jipprevjeni milli jigri l-legislatur permezz tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta**. F'kazijiet bhala dawn, it-terz xorta jista' jkollu forma ta' protezzjoni billi japplika lill-Fond għal Protezzjoni u Kumpens taht l-Art. 9D(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta pero dan mhuwiex desiderabbli u hija sitwazzjoni bhal din illi l-legislatur ried jipprevjeni milli tigri permezz tal-Art. 3(1). Fil-kaz odjern pero l-polza tal-assigurazzjoni tkopri l-perjodu ta' bejn is-16 ta' Awwissu 2018 u t-30 ta' Gunju 2019 u ghaldaqstant tkopri anke dak kollu li seta' gara fl-4 ta' Jannar 2019.

Illi matul is-snin inqalghet certu ambigwita' fil-Qrati nostrani fis-sens illi bdiet tqum il-mistoqsija dwar il-presunzjoni taht l-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Din tipprovdi kif gej:

*"3(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)."*

Illi l-ambigwita' qamet principalment dwar fuq min jinkombi l-oneru tal-prova dwar l-assikurazzjoni. Fis-sentenza ricenti moghtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fl-ismijiet **Pulizija vs Nathaniel Grech** (QTM:KRM:Magistrat Doreen Clarke – 11 ta' Marzu 2019), il-Qorti dahlet f'certu dettal dwar is-sentenzi kunfliggenti fuq dan il-punt u finalment pero stqarret li dan il-kunflitt gie rizolt permezz ta' sentenzi ricenti fosthom is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Andre Apap** (QTA:KRM:400:2010, deciza 4 ta' Frar 2011) fejn inghad is-segwenti:-

*"Ghar-rigward tal-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat ghat-tenur tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104. Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi, Il-Pulizija vs Stefan Apap, u l-Pulizija vs Charles Galea u ohrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu car u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma thalli lok ghal ebda interpretazzjoni"*

Illi l-ambigwita' li qamet fuq min jinkombi l-oneru tal-prova gabet maghha ukoll **kontroversja bla bzonn** (bla bzonn ghaliex hija totalment irrilevanti u m'ghandiex x'taqsam mal-kwistjoni tal-oneru tal-prova), fis-sens illi ghal xi raguni jew ohra beda jigi argumentat, xi drabi mid-difiza u xi kultant anke accettat mill-Qrati taghna, illi jekk l-imputat ikun eskluz mill-kopertura (per ezempju ghaliex m'ghandux licenzja tas-sewqan jew ghaliex ghandu inqas minn 25 sena u ma' jkunx "*sewwieq awtorizzat*" specifikat fil-polza) allura huwa jkun hati tal-akkuza migjuba kontrih taht l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Bir-rispett, argument bhal dan huwa bla bazi legali u din il-Qorti assolutament ma' tistax taqbel mieghu. Filfatt f'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel taghha l-

kliem li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Emanuel Zarb** (App. Nru. 329:2010:MM, 26 ta' Marzu, 2015):

*... Id-dicitura tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 hija cara u ma thalli lok ghall-ebda tip ta' interpretazzjoni. Jissussistu l-elementi tar-reat previst fl-imsemmi artikolu meta ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni, skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.* ***Is-semplici fatt li tkun tissussisti kopertura assigurattiva jeskludi ghal kollox ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu*** (sottolinear u emfasi mizjuda minn din il-Qorti). *Eventwali ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza jista` jwassal ghal konsegwenzi ta' natura civili bejn l-assikuratur u l-assigurat, senjatament l-eventwali dritt ta' regress civili li l-assiguratur jista` jkollu fil-konfront tal-assikurat. Izda tali kwistjonijiet ta' natura civili huma res inter alios acta bejn l-assikuratur u l-assigurat u huma ghal kollox estranei ghal dak li jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 3(1) tal-Kap 104 billi dan ir-reat jissussisti biss meta ma tkunx fis-sehh polza ta' assigurazzjoni"*

Illi lanqas ma' taqbel din il-Qorti ma' posizzjoni li gieli ttiehdet fil-passat fis-sens illi sabiex ixejjen il-presunzjoni li wettaq reat taht l-Artikolu 3(1), l-imputat jehtieglu jipprezenta xi dikjarazzjoni mill-kumpanija tal-assigurazzjoni tieghu illi l-polza tkopri ukoll terzi persuni. Din hija xi haga prezunta u *semmai* ghandha tkun il-prosekuzzjoni illi f'kaz illi l-imputat jipproduci bhala prova tieghu polza tal-assigurazzjoni li tkopri l-uzu tal-vettura, iggib prova illi minkejja l-ezistenza ta' dik il-polza, jezistu cirkustanzi (fosthom dawk kontemplati taht l-Art. 10(2) jew (3) tal-Kap. 104) li minhabba fihom **terzi persuni** jistghu ma' jkunux koperti.

Illi fil-kaz in kwistjoni kif diga inghad, mill-provi (a fol 22) johrog illi fir-rigward tal-uzu tal-vettura kien hemm ezistenti fil-gurnata tal-incident, polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, xi haga li giet ikkonfermata ukoll *viva-voce* mir-rapprezentant ta' Mapfre Middlesea Insurance fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019.

Illi ghalhekk din l-akkuza ma' tistax tirrizulta.

*It-tieni akkuza*

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, ossia dik illi l-imputat saq vettura bil-mutur minghajr licenzja tas-sewqan, din tirrizulta ampjament pruvata mix-xhiehda fuq msemmija ta' PC250 Caruana Gould u PS674 N.Mallia.

*It-tielet akkuza*

Illi fir-rigward tat-tielet akkuza, cioe' dik illi l-imputat kiser kundizzjoni ta' sentenza moghtija lilu minn din il-Qorti diversement presjeduta (sentenza moghtija fit-12 ta' Novembru 2018), il-Qorti rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019 il-Prosekuzzjoni esebiet bil-gurament tal-ufficjal taghha vera kopja ta' din is-sentenza (fol 38) li skond id-*decide* taghha jirrizulta illi l-imputat kien, instab hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu (salv l-ahhar akkuza li

gie liberat minnha) u ghalhekk gie kkundannat *inter alia* ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin minn dakinhar.

Illi fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli difensur tal-imputat sahaq illi ma' ngiebetx l-aqwa prova illi din is-sentenza kienet wahda finali u fi kwalunkwe kaz is-sentenza li giet esebita ma' gietx ikkonfermata bil-gurament minn rapprezentat tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali.

Illi in sostenn ta' din il-linja difensjonali fin-nota ta' riferenzi tieghu d-difensur tal-imputat iccita s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversement presjeduta (per Magistrat illum Imhallef Onor. Dr. Aaron M. Bugeja) tas-17 ta' Gunju 2016 fl-ismijiet:- **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Zammit**.

Illi l-Qorti taqbel bis-shih mas-sottomissjonijiet tal-avukat difensur. Il-kopja tas-sentenza li giet esebita a fol 38 tal-process ghandha zewg timbri: wiehed maghmul ffirmat minn Deputat Registratur sabiex jissenjala illi din hija "*vera kopja fotostatika tal-original*" u timbru iehor **jew ahjar kopja ta' timbru** b'firma ta' avukat mill-Ufficcju tal-Avukat Generali flimkien mal-kliem miktuba bil-kalligrafija: "*visto – no appeal 29/11/2018". It-timbru u l-kliem tal-ahhar jidher illi kienu ezistenti fuq il-kopja originali tas-sentenza u filfatt parti mill-kliem jinsabu oskurati minhabba li l-pagna ta' quddiem tas-sentenza jidher li tghawwget meta kien qed isir fotokopja taghha. Minghajr ebda tidwir mal-lewza hawnhekk il-Qorti thoss illi l-Prosekuzzjoni esebit prova ferm medjokra li tfalli milli mqar tersaq vicin il-livell tal-ahjar prova rikjest mill-ligi. L-aqwa prova li setghet tingieb certament kellha tkun konferma **guramentata** mir-rapprezentant tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali illi (1) is-sentenza hija vera kopja tal-original, u (2) li s-sentenza ma' gietx appellata. Konferma tad-Deputat Registratur li s-sentenza hija vera kopja saret permezz tat-timbru tieghu izda ma' ngiebet l-ebda prova bil-gurament illi tali sentenza kienet *res judicata*. Fil-mankanza ta' dawn, il-Qorti ma' tistax ssib htija fuq din it-tielet akkuza galadarba l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprovha sal-grad rikjest mill-ligi, cioe' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni bbazata fuq *the best admissible evidence.*

*Ir-raba' akkuza*

Illi fir-rigward tat-raba' akkuza, cioe' dik illi l-imputat kiser l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 b'zewg sentenzi moghtija lilu minn din il-Qorti diversement presjeduta (sentenza moghtija fis-16 ta' Ottubru 2018 per Magistrat illum Imhallef Onor. Dr. Francesco Depasquale u sentenza moghtija fis-26 ta' Lulju 2017 per Magistrat Onor Dr. Doreen Clarke), il-Qorti rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019 il-Prosekuzzjoni esebiet bil-gurament tal-ufficjal taghha vera kopja ta' dawn iz-zewg sentenzi[2].

Illi fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli difensur tal-imputat sahaq illi ma' ngiebetx l-aqwa prova billi s-sentenzi li gew esebiti ma' gewx ikkonfermati bil-gurament minn rapprezentat tar-

[2] Fol 30-31, Fol 25-27

Registratur Qrati u Tribunali Kriminali. Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni u ghal darb' ohra tissenjala illi kull ma' kellha taghmel il-Prosekuzzjoni kien illi tesebixxi vera kopja tas-sentenzi debitament awtentikati (kif filfatt ghamlet) **u guramentati** minn rapprezentant tar-Registratur Qrati u Tribunal Kriminali bhala ufficjal pubbliku.

Illi inoltre fir-rigward tas-sentenza moghtija fis-26 ta' Lulju 2017 per Magistrat Onor Dr. Doreen Clarke[3] il-Qorti tinnota illi f'din is-sentenza ma' giet imposta l-ebda Ordni ta' Probation izda il-Qorti kienet sabitu hati tal-imputazzjoni li kiser Ordni ta' Probation precedenti (moghtija f'sentenza datata 19 ta' Ottubru 2016) u ghazlet li ma' titrattax mieghu dwarha.

*Il-hames akkuza*

Illi fir-rigward tal-hames akkuza, u cioe illi sar recediv bi tlett sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversement presjeduta datati 26 ta' Lulju 2017 (per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke), 16 ta' Ottubru 2018 (per Onor Magistrat Dr. Francesco Depasquale) u 12 ta' Novembru 2018 (per Onor Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech), liema sentenzi huma definiti u ma' jistghux jigu mibdula, il-Qorti rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019 il-Prosekuzzjoni esebiet bil-gurament tal-ufficjal taghha vera kopja ta' dawn it-tlett sentenzi[4].

Illi fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli difensur tal-imputat sahaq illi ma' ngiebetx l-aqwa prova tar-recidiva billi s-sentenzi li gew esebiti ma' gewx debitament awtentikati skond il-ligi u ma' gewx ikkonfermati bil-gurament minn rapprezentat tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali. Il-Qorti ghal darb' ohra taqbel ma' din is-sottomissjoni ghar-ragunijiet moghtija iktar 'l fuq u li japplikaw ghall-akkuzi l-ohra. Inoltre' il-Qorti taghmel riferenza ghall-Art.49(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu kif gej:

***"49(2) F'xi proċeduri taħt jew għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dokument, <u>debitament awtentikat</u>, li jiċċertifika li persuna nstabet ħatja ta' reat kontra l-liġi ta' dak l-Istat jew parti minnu, fid-data speċifikata fid-dokument, għandu jkun ammissibbli bħala prova tal-fatt u tad-data tad-dikjarazzjoni ta' ħtija mingħajr ħtieġa ta' xi prova ulterjuri.***

***(3) Dokument għandu jitqies li hu <u>debitament awtentikat</u> jekk waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin tapplika:***

***(a) jekk jidher li hu ffirmat minn imħallef, maġistrat jew uffiċjal tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza; jew***

[3] Fol 25-27
[4] Fol 25-27, Fol 32-33, Fol 38-41

***(b) jekk jidher li hu ċċertifikat mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità oħra responsabbli għall-ġustizzja jew għall-affarijiet barranin tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza, sew jekk ikun b'siġill u sew jekk le; jew***

***(ċ) jekk jidher li hu awtentikat b'ġurament, stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud."***

Illi l-Qorti hawnhekk trid taghmel distinzjoni bejn (i) il-htiega li l-kopja tas-sentenza tigi debitament awtentikata kif trid il-ligi (i.e. skond Art. 49(2)), xi haga li tista ssir anke b'gurament ta' xhud, u (ii) il-htiega li jigi kkonfermat bil-gurament illi dik is-sentenza hija *res judicata*. Il-kopji tas-sentenzi esebiti fil-process a fol 25-27 u a fol 38-41 jidhru li gew debitament awtentikati kif trid il-ligi galadarba gew certifikati mid-Deputat Registratur (li allura jaqa' taht l-awtorita' responsabbli ghall-gustizzja msemmija fl-Art.49(2)(b)) ghalkemm mhux l-istess jista' jinghad ghall-kopja tas-sentenza esebita a fol 32-33 stante illi hawnhekk kull ma' jidher huwa firma minghajr l-ebda indikazzjoni ta' min hi dik l-istess firma. Madanakollu l-ebda wahda minn dawn is-sentenzi ma' gew kkonfermati bil-gurament li huma *res judicata* mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u l-Qorti f'dan ir-rigward ma' taqbilx mal-argument tal-Prosekuzzjoni illi dan jista' jigi dedott mill-Qorti billi tifli l-fedina penali tal-imputat ghaliex din certament m'hijiex l-aqwa prova li tista' tingieb.

Illi inoltre biex jiskatta dak li hemm mahsub fl-Art. 50 tal-Kap. 9 u cioe' zieda fakoltattiva fil-piena bi grad, jehtieg li jigi ppruvat li l-akkuzat ikun ghamel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li jkun skonta jew tkun giet mahfura l-piena ghad-delitt li jkun gie kundannat ghalih precedentement fejn iz-zmien tal-piena li jkun gie kundannat ghaliha fl-ewwel kaz tkun izjed minn hames snin prigunerija, jew fi zmien hames snin fil-kazijiet l-ohra kollha.

Illi fis-sentenza datata 26 ta' Lulju 2017 per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, il-Qorti kienet immultat lill-imputat ihallas is-somma komplessiva ta' erba' mitt euro fi zmien sitt xhur. Sabiex din is-sentenza tkun tista' tintuza ai fini tal-prova tar-recidiva' (taht l-Art. 50 tal-Kap. 9) kien jehtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova illi din giet skontata permezz tal-hlas tal-multa. Madanakollu mill-provi ma' jidhirx illi dan sar u ghalhekk anke ghal din ir-raguni il-Qorti sejra tiskarta din is-sentenza.

Illi min-naha l-ohra fis-sentenza datati 16 ta' Ottubru 2018 (per Onor Magistrat Dr. Francesco Depasquale), il-Qorti kienet ordnat il-hrug ta' Probation Order u galadarba Ordni bhal din ma' tikkostitwixxi l-ebda kundanna, ma' tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini tal-addebitu tar-recidiva.

**<u>Decide</u>**

**Wara li rat l-akkużi u l-liġi, ossia Kap. 104 Artiklu 3(1), Kap 65 Artiklu 15(1)(a) u (3), Kap. 9 Artiklu 28A, Kap 446 Artiklu 7 u 23(1), u Kap 9 Artiklu 49 u 50, issib lill-imputat hati biss tat-tieni akkuza u tilliberah mill-bqija tal-akkuzi. Ghall-finijiet tal-piena, stante**

**illi l-imputat kien minuri fid-data tar-reat, il-Qorti qeghda bl-applikazzjoni tal-Art. 37(2) u Art. 31(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tnaqqas grad mill-piena applikabbli ghar-reat u kwindi timmultah multa (ammenda) ta' tletin euro (€30). Inoltre tiskwalifikah milli jzomm il-liċenzja tas-sewqan għal żmien tmient ijiem u ai termini tal-Art. 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18, tordnalu sabiex immedjatament jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.**

Dr. VICTOR GEORGE AXIAK
Maġistrat

Yesenia Maria Pace
Deputat Reġistratur